Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010

Numru 1120/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**DAVID SEYCHELL**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom David Seychell ta' 28 sena, bin Emanuel u Antonia nee' Ciantar, imwieled il-Pieta fit-3 ta' Jannar 1980, u li joqghod f'Block J, Flat 6, Triq Znuber, Santa Lucia. Detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 41080M.

Billi gie akkuzat :

1. Talli fl-14 ta' Gunju 2008 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Floriana, bil-hsieb li taghmel hsara lil Charles Bianco, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti.

2. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

B'hekk, huwa David Seychell sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kundannat b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. CP3 u nnutat li l-imputat David Seychell m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat tinkwadra ruhha fl-artikolu 101(1) tal-Kap. 9, it-tieni akkuza migjuba kontra l-istess imputat tinkwadra ruhha fl-artikolu 110(2) tal-Kap. 9 u l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat David Seychell li tirrigwarda recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Rigward l-ewwel akkuza il-Qorti sejra ticcita is-segwenti minn Sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Joseph Galea Debono) moghtija fis-26 ta' Marzu, 2009 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt.

R.Aquilina) vs Dolores Camilleri" (Appell Kriminali Numru. 362/2008): "Illi l-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali johloq ir-reat tal-kalunja w cioe' ta' min, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti w, ghal fatt biss li jkun hekk akkuzha, jehel il-pieni stabbiliti fis-sub incizi (a), (b) u (c) tal-istess artikolu, li jvarjaw skond il-gravita' w il-piena attinenti ghar-reat li bih ikun akkuza lil dik il-persuna.

Dar-reat li jaqa' taht il-kategorija ta' reati li huma kalkolati li jfixklu jew jimpedixxu l-amministrazzjoni tal-gustizzja fih tlitt elementi kostituttivi:- 1. L-akkuza maghmula lill-awtorita' kompetenti; 2. L-intenzjoni li ssir hsara lill-persuna li kontra taghha ssir l-akkuza; u 3. Li jkun hemm ix-xjenza, da parti tal-persuna li qed takkuza, tal-innocenza tal-persuna hekk minnha akkuzata.

Il-hsara li tirrikjedi l-ligi fit-tieni element hija dik li l-persuna akkuzata tigi assogettata ghall-possibilita' li jittiehdu proceduri kriminali kontra taghha. L-intenzjoni li ssir hsara lill-persuna akkuzata ma tistax tigi prezunta sempliciment mill-fatt li sussegwentement jirrizulta li l-persuna hekk akkuzata tinstab innocenti ta' dik l-akkuza. Il-ligi trid tippunixxi lill-akkuzatur li jkun agixxa *in mala fede* u hu bizzejjed biex persuna tigi ezonerata mir-reat ta' kalunja jekk kellha raguni biex temmen jew almenu tissuspetta li l-persuna akkuzata kienet hatja tal-fatt li bih tkun qed tigi akkuzata.

L-element formali jew intenzjonali specifiku tar-reat in dizamina hu proprju x-xjenza f'mohh min jakkuza tal-innocenza tal-persuna li tkun qed tigi akkuzata. Din ix-xjenza tal-innocenza tal-persuna akkuzata trid pero' tkun <u>certa,</u> sabiex min ikun qed jakkuza jkun jista' jitqies li jkun ghamel l-akkuza deliberatament u malizzjozament. Il-falsita' tal-akkuza minghajr din ix-xjenza ma hix bizzejjed biex jissussisti r-reat in dizamina. Ghaliex persuna tista' takkuza persuna ohra b'reat ghax genwinament tkun temmen li hi hatja tieghu."

"..........................................................................................
................"

“Inoltre, x-xjenza tal-innocenza tal-persuna akkuzata trid tkun tissussisti fil-hin u fil-mument meta tkun qed issir id-denunzja jew rapport jew kwerela. Ix-xjenza tal-innocenza li tigi akkwizita wara w sussegwentement ma tirrendix lill-akkuzatur hati tar-reat ta’ kalunnja.”

Skond l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat David Seychell ir-reat addebitat f’din l-akkuza gie kommess fl-14 ta’ Gunju 2008 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Floriana. Skond it-tieni akkuza ir-reat addebitat lill-imputat David Seychell f’din l-akkuza gie kommess fl-istess data, lok u cirkostanzi riferiti fl-ewwel akkuza.

Hawn il-Qorti sejra ticcita is-segwenti brani mid-deposizzjoni tal-Spettur Ivan Cilia li fis-Seduta tal-4 ta’ Frar, 2009, *inter alia*, qal: “Il-Pulizija kienet irceviet ittra minghand certu Antonia Meli, dina kienet datata 29 t’April 2008 fejn talbet lil Pulizija biex jinvestigaw lil Credit Info Malta limited ghal xi ksur ta’ data protection act kif ukoll allegat illi f’dan il-kaz kien hemm xi kambjali li gew iffirmati b’ingann b’mod frawvelenti. Il-Pulizija kellmet lil Antonia Meli u lil David Seychell, it-tifel taghha fl-14 ta’ Gunju 2008. David Seychell spjega lil Pulizija li xi hames snin qabel kien xtara karozza minghand dealer bl-isem ta’ Charles Bianco, dana qallu illi kellu karozza, il-mod kif xtaqha, milli jidher xtaq BMW u qallu li ghandu karozza ghand mechanic ta’ dak it-tip. David Seychell mar jara l-karozza u sar qbil ma’ Charles Bianco d-Dealer ghax-xiri ta’ din il-karozza. Hallas mitejn lira depozitu u Charles Bianco qallu li jkun ahjar peress li kien ghadu ta’ eta zghira illi l-kambjali jigu ffirmati minn xi hadd mill-genituri tieghu. Fil-fatt il-kambjali gew iffirmati minn omm David Seychell, Antonia Meli. Dan l-arrangament tal-karozza ukoll kien illi kellha tinbidel il-magna ghand il-mechanic u wara xahrejn skont David Seychell din il-magna, din il-karozza kienet ghadha mhux lesta.

Huwa qal li qata’ qalbu minn din il-karozza u mar xtara ohra. Sussegwentement il-familja Meli bdiet tircievi, rceviet korrispondenza minghand Charles Bianco biex huma jaghmlu tajjeb ghal kambjali li kienu gew iffirmati. <u>U ghalhekk qed jghidu li la qatt ma hadu l-karozza dawk il-</u>

kambjali ttiehdu b'ingann ghaliex il-pussess tal-karozza qatt ma hadha." "..................." "Sussegwentement il-Pulizija hasset illi David Seychell kien irraporta falz lil Pulizija u tefa' affarijiet cioe allega affarijiet Kriminali fuq Charles Bianco u ghalhekk illum qeghdin hawn quddiem din il-Qorti b'dawn l-akkuzi." "........................................................." Bhala Dok CP 5 dan huwa dokument li l-Pulizija rceviet bil-posta, iffirmat minn Antonia Meli datat 29 ta' April 2008 fejn talbet lil Pulizija tinvestiga xi allegazzjonijiet ta' Data Protection Act u l-mod frewvalenti ta' kif inhargu il-kambjali." (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro-ezami l-istess xhud l-Ispettur Ivan Cilia, fl-istess Seduta, qal: "Qed nigi mistoqsi mid-Difiza meta kienet l-ewwel okkazzjoni li jiena kellimt lil David Seychell nghid li kienet fl-14 ta' Gunju 2008 u dan sar biex huma jispjegaw ir-rapport li xtaqu lil Pulizija jinvestigaw. Qed nigi mistoqsi jekk jiena kontx sejjaht lil David Seychell nghid li le. Nghid jiena kont ghajjat lil Antonia Meli, kienu gew Antonia Meli kien gie David Seychell. Jekk niftakar sew kien hemm ohthom ohra u Antonia Meli qaltli peress li l-karozza kienet mixtrija minn David Seychell li jigi binha jaf iktar affarijiet minnha. Qed nigi mistoqsi jekk ir-rapport sar minn Antonia Meli, nikkonferma li bhala Pulizija rcevejna ittra ffirmata minn Antonia Meli. Qed nigi mistoqsi id-data tal-ittra li rceviet il-Pulizija u nghid illi din kienet id-29 ta' April, 2008. Qed nigi mistoqsi minn min hija ffirmata din l-ittra, nghid hija ffirmata minn Antonia Meli." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju il-Qorti sejra ticcita is-segwenti bran mill-Istqarrija tal-imputat David Seychell (Dok CP4) datata 4 ta' Awwissu 2008:

"......................................................................................................"

"M: Il-Pulizija ircevit rapport fid-29 ta' April 2008, iffirmat minn ommok Antonia fejn talbet lill-pulizija tinvestiga allegat ta' frodi fil-konfront taghkom minn certu Charles Bianco. Inti tikkonferma dan u x'taf fuqu?" (Sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti tosserva li f'din il-mistoqsija qeda issir referenza ghall rapport ta' Antonia Meli, omm l-imputat u l-imputat qed jigi mitlub jirrispondi jekk jikkonfermax dan u x'jaf fuqu. Imkien fl-Istqarrija tal-imputat David Seychell ma ssir referenza ghal dak li allegatament sehh jew intqal fl-14 ta' Gunju, 2008 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Floriana.

Issa il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni moghtija mill-imputat David Seychell li fis-Seduta tal-28 ta' Settembru, 2009, inter alia, minn jeddu, qal: <u>F'Awwissu u mhux fl-14 ta' Gunju li jiena mort naghmel l-istatement lil Pulizija. Nghid inizjalment kienet ommi li kienet cemplet il-Kwartieri Generali tal-Pulizija u ukoll marret il-Kwartieri Generali tal-Pulizija u meta kellmet lil Pulizija kien gie suggerit lilha li jkun ahjar kieku mmur jiena u naghmel statement. Jien ghalhekk mort il-Kwartieri Generali tal-Pulizija biex nitkellem mal-Pulizija u dakinhar stess kont irrilaxxajt statement mal-Pulizija. U nghid jiena l-istatement ghamiltu fl-4 t'Awwissu tas-sena 2008. Nghid qabel din id-data li jiena ghamilt l-istatement qatt ma kont mort il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Nghid jiena kont tkellimt mal-Ufficjal Prosekutur u nghid illi inizjalment konna tkellimna kien hemm zewg pulizija prezenti fil-kamra u mbaghad wara kien ittiehed l-istatment b'mod formali."</u> (Sottolinjar tal-Qorti)

"..............................................................................................
................................."

"Jiena kont mort il-garage ta' dan Charles Bianco u kont ghidtlu li xtaqt nixtri karozza second hand." "......................................................................................."

<u>"Nghid illi jiena mbaghad meta huwa qalli biex tigi l-mummy tieghi biex tiffirma xi karti ma fhimtx illi dina kellha tmur tiffirma kambjali."</u> (Sottolinjar tal-Qorti.)

Hawn il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti bran mill-Istqarrija tal-imputat David Seychell liema Stqarrija hi datata 4 ta' Awwissu 2008 (Dok CP4):

"M: Taf li ommok iffirmat kambjali u transfer of notice tal-vettura BMW bir-registrazzjoni KBB848?
T: Naf li ommi iffirmajt xi karti pero jien ma kontx naf x'tip ta' karti huma. Iktar hsibt li l-karti li iffirmat ommi kienu li d-dealer intrabat li jittrasferixxi l-karozza fuqi.
M: Meta ma hadthux il-karozza gew ikkancellati il-kambjali?
T: Lanqas naf x'kienu l-kambjali." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju il-Qorti sejra ticcita brani tal-kontro-ezami tal-imputat David Seychell li fis-Seduta tal-28 ta' Settembru, 2009, *inter alia*, qal: "Nghid illi jiena darba mort il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Qed nigi mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jekk bhala fatt jiena fid-data tal-14 ta' Gunju 2008 kontx gejt l-Ufficju tal-istess Ufficjal Prosekutur akkumpanjat minn ommi u minn ohti, dwar dan nghid ma niftakarx li kont mort. Niftakar illi ohti u ommi kienu gew mieghi meta mort il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Nixtieq nghid illi jiena kienet ommi li lili qaltli li l-Pulizija riedu jkellmuni u l-Pulizija qalulha ukoll li riedu jkellmu anki lil ohti, ohti Ruth Seychell u ghaldaqstant imbaghad meta konna morna l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, dan kien f'Awwissu tas-sena 2008 konna morna jiena, ommi u ohti u meta jiena gejt biex nirrilaxxa l-istatement ommi u ohti baqghu barra." "..............................................................."

"Nghid meta jiena f'Awwissu kont mort id-Depot kont akkumpanjat minn ohti Ruth u minn ommi. Qed jigi suggerit lili mill-Prosekuzzjoni jekk bhala stat ta' fatt f'Awwissu jiena kont gejt wahdi d-Depot u kont gejt akkumpanjat minn ommi u minn ohti f'Gunju, dwar dan nghid li jien darba biss mort id-Depot. Jiena mort hemmhekk biex naghti l-verzjoni tieghi. Jiena mort biss id-Depot f'Awissu tas-sena 2008." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li mis-suespost u hawn il-Qorti taghmel senjatament referenza ghal dak sottolinjat hawn fuq minnha, jemergu dubbji dwar is-sussistenza tal-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat kif dedotti, liema dubbji ghandhom imorru favur l-imputat u

ghaldaqstant tillibera lill-imputat David Seychell mill-ewwel akkuza u mit-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Rigward l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda recidiva, stante il-liberazzjoni tal-imputat David Seychell mill-ewwel akkuza u mit-tieni akkuza migjuba kontra tieghu, tali l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat ma tirrizultax u ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat David Seychell minn din l-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------